# Linji Gwida

## Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2018
## u
## Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża 2018

NATIONAL ENTERPRISE SUPPORT AWARDS

European Commission

European Enterprise Promotion Awards

# Werrej

## 1. Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2018

1.1 DEFINIZZJONI U ĦSIEB — Paġna

1.1.1 Premju li jirrikonoxxi l-eċċellenza fil-promozzjoni tal-intraprenditorija 3
1.1.2 L-għanijiet 4
1.1.3 L-importanza tal-intraprenditorija 4
1.1.4 Ir-rebbieħa fit-tliet sezzjonijiet 4

1.2. METODOLOĠIJA

1.2.1 Min jista' jieħu sehem 5
1.2.2 Kategoriji 5
1.2.3 Il-kriterji tal-għoti tal-premju 7
1.2.4 Data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet 7

1.3. L-INIZJATTIVA SEKONDARJA PPJANATA LI TKUN LESTA SAL-AĦĦAR TAL-2018 JEW B'PARTI SOSTANZJALI MINNHA DIĠÀ IMPLIMENTATA SA L-AĦĦAR TAL-2018 8

## 2. Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża 2018

2.1 Nominazzjonijiet għall-Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża 2018 9

2.2 In-nominati ta' kull pajjiż 9

# 1. Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża 2018

## 1.1. DEFINIZZJONI U ĦSIEB

### 1.1.1. Premju li jirrikonoxxi l-eċċellenza fil-promozzjoni tal-intraprenditorija

Id-Dipartiment tal-Kummerċ fi ħdan il-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u n-Negozji ż-Żgħar qed jorganizza din il-kompetizzjoni għat-tmien sena konsekuttiva.

Dan il-premju mhux biss kompetizzjoni iżda għandu wkoll l-għan li jqajjem l-għarfien dwar l-importanza tal-intraprenditorija kemm fuq bażi lokali u kemm fuq bażi nazzjonali.

Il-kunsilli lokali, il-ministeri, id-dipartimenti, l-awtoritajiet u l-entitajiet pubbliċi, is-sħubiji pubbliċi-privati, l-għaqdiet mhux governattivi, it-trejd unjins, l-assoċjazzjonijiet professjonali, l-iskejjel pubbliċi u tal-knisja, istituzzjonijiet edukattivi pubbliċi, l-Università ta' Malta u l-organizzazzjonijiet tan-negozju li jieħdu sehem f'dan il-premju, ser ikunu eliġibbli għal nominazzjoni biex jikkompetu fil-Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża 2018. Kull sena, rebbieħa tal-premju mill-Ewropa kollha ikunu identifikati u jservu ta' ispirazzjoni għal oħrajn. Il-kompetizzjoni fuq livell Ewropew hi mifruxa fuq it-28 Stat Membru[1] tal-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi assoċjati fil-Programm ta' Kompetittività u Innovazzjoni (CIP): l-Islanda, in-Norveġja, is-Serbja u t-Turkija.

Il-Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża hija kompetizzjoni li tinvolvi **żewġ** inizjattivi intraprenditorjali:

- L-<u>ewwel inizjattiva</u>, <u>li għandha titqies bħala l-**Inizjattiva Prinċipali**</u>, *(irreferi għat-Taqsimiet B u Ċ tal-formola tal-applikazzjoni)* hija dik li tista' tiġi nnominata biex tirrappreżenta lil Malta fil-Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża 2018. Din tista' tkun inizjattiva li għadha għaddejja jew inizjattiva reċenti (li ma spiċċatx qabel l-2014) u li kellha influwenza fuq livell lokali/nazzjonali flimkien ma' evoluzzjoni inkrementali fuq perjodu ta' mill-inqas sentejn.
- <u>It-tieni inizjattiva</u>, <u>li għandha titqies bħala l-**Inizjattiva Sekondarja**</u>, *(irreferi għat-Taqsima D tal-formola tal-applikazzjoni)* tista' tkun relatata mal-ewwel inizjattiva msemmija fl-ewwel parti tal-applikazzjoni jew inkella tista' tkun inizjattiva kompletament differenti. Din tista' tkun inizjattiva ppjanata li tkun lesta sal-aħħar tal-2018 jew inkella inizjattiva b'parti sostanzjali minnha diġà implimentata sal-aħħar tal-2018.

Iż-żewġ inizjattivi jkunu evalwati skont il-kriterji msemmija fit-taqsima 1.2.3 tal-Linji Gwida.

[1] L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit

### 1.1.2. L-Għanijiet

1. Biex ikunu identifikati u rikonoxxuti attivitajiet u inizjattivi ta' suċċess li saru biex tinfirex aktar l-intrapriża u l-intraprenditorija;
2. Biex jintwerew u jitqassmu eżempji tal-aħjar politika u prattiċi ta' intraprenditorija;
3. Biex tinħoloq kuxjenza akbar dwar is-sehem li għandhom l-intraprendituri fis-soċjetà;
4. Biex jitħeġġu u jkunu ispirati intraprendituri potenzjali.

### 1.1.3. L-Importanza tal-intraprenditorija

Il-politika favur l-intraprenditorija hija marbuta mill-qrib mal-bżonnijiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), parti vitali tal-ekonomija Ewropea li jgħoddu aktar minn 99% tan-negozji Ewropej. Is-settur tal-SMEs jikkontribwixxi għall-innovazzjoni, hu sors ta' kompetizzjoni, jipprovdi l-flessibbiltà fis-suq tax-xogħol, u l-aktar kruċjali, huwa riżors għall-ħolqien ta' impjiegi.

Kien għalhekk li d-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija tal-Kummissjoni Ewropea ħoloq kompetizzjoni biex jippremja l-inizjattivi f'dawk il-pajjiżi, li qed jiffaċilitaw in-negozju, b'mod partikulari billi jirrikonoxxi l-importanza tal-intraprenditorija.

Il-Gvern Malti jkompli jagħti appoġġ lill-intraprenditorija billi jorganizza kompetizzjoni fuq livell lokali li tippremja inizjattivi li għandhom l-istess għan.

### 1.1.4. Ir-rebbieħa fit-tliet sezzjonijiet

Hemm tliet sezzjonijiet differenti fil-kompetizzjoni nazzjonali. Waħda tilqa' applikazzjonijiet mill-kunsilli lokali (Sezzjoni A), oħra miftuħa għall-ministeri, dipartimenti, awtoritajiet u entitajiet pubbliċi u sħubiji pubbliċi-privati (Sezzjoni B) u oħra (Sezzjoni Ċ) tilqa' applikazzjonijiet mill-għaqdiet mhux governattivi, trejd unjins, assoċjazzjonijiet professjonali, skejjel pubbliċi u tal-knisja, istituzzjonijiet edukattivi pubbliċi, l-Università ta' Malta u organizzazzjonijiet tan-negozju.

L-applikazzjonijiet għandhom jirreferu għal inizjattivi eżistenti jew riċenti (li ma jkunux intemmu qabel l-2014) li kellhom influwenza fuq bażi lokali/bażi nazzjonali u li kellhom evoluzzjoni inkrimentali fuq perjodu ta' mill-inqas sentejn.

Ir-rebbieħa tat-tliet sezzjonijiet jingħataw premju ta' €10,000 kull wieħed. €6,000 ser jingħataw immedjatament meta jitħabbru r-rebbieħa filwaqt li €4,000 ser jingħataw sal-aħħar tal-2018 skont il-progress tal-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Sekondarja ippjanata li tkun tlestiet sal-aħħar tal-2018 jew b'parti sostanzjali minnha implimentata sa l-aħħar tal-2018 skont kif iddikjarat f'Taqsima D tal-applikazzjoni.

Min jiġi fit-tieni post tat-tliet sezzjonijiet jingħata premju ta' €6,000 kull wieħed. €4,000 ser jingħataw immedjatament meta jitħabbru r-rebbieħa filwaqt li €2,000 jingħataw sal-aħħar tal-2018 skont il-progress tal-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Sekondarja ippjanata li tkun tlestiet sal-aħħar tal-2018 jew b'parti sostanzjali minnha implimentata sa l-aħħar tal-2018 skont kif iddikjarat f'Taqsima D tal-applikazzjoni.

Għat-tieni parti tal-premju - fil-każ taż-żewġ rebbieħa mit-tliet sezzjonijiet (it-tnejn li jġibu l-għola punteġġi globali) u li jkunu wkoll magħżula biex jikkompetu fuq livell Ewropew - huma marbuta wkoll mal-impenn li bħala nominati minn Malta jaqblu u jaċċettaw li jipparteċipaw fiċ-ċerimonja tal-premjazzjoni għall-Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża 2018 li ser issir fi Graz, l-Awstrija fl-20 ta' Novembru 2018.

Skont il-livell ta' inizjattivi li jkunu ppreżentati għal din il-kompetizzjoni, jistgħu jingħataw 3 premjijiet ta' konsolazzjoni ta' €1,000 'l wieħed f'kull sezzjoni.

F'Sezzjoni B (ara 1.2.1.) ir-rebbieħ/a, min jiġi fit-tieni post u f'każ li jingħata wkoll premju ta' konsolazzjoni, ser jingħataw il-flus bil-patt u l-kundizzjoni li dawn jingħataw għall-karitá lil għaqda rikonoxxuta tal-għażla tagħhom. Din il-kundizzjoni ma tgħoddx għal min jieħu sehem f'Sezzjoni A u Sezzjoni Ċ (ara 1.2.1.).

## 1.2. METODOLOĠIJA

### 1.2.1. Min jistà jieħu sehem

Il-kompetizzjoni hija miftuħa għall-kunsilli lokali li jikkompetu f'Sezzjoni A, għal-ministeri, dipartimenti, awtoritajiet u entitajiet pubbliċi u sħubiji pubbliċi-privati li jikkompetu f'Sezzjoni B u għall-għaqdiet mhux governattivi, trejd unjins, assoċjazzjonijiet professjonali, skejjel pubbliċi u tal-knisja, istituzzjonijiet edukattivi pubbliċi, l-Università ta' Malta u organizzazzjonijiet tan-negozju li jikkompetu f'Sezzjoni Ċ. Għalkemm hemm tliet sezzjonijiet, il-formola tal-applikazzjoni hija waħda u komuni għat-tlieta li huma.

### 1.2.2. Kategoriji

Hemm sitt kategoriji f'kull sezzjoni u kull waħda tirrikonoxxi l-inizjattivi lokali jew nazzjonali li qed imexxu 'l quddiem b'suċċess il-prestazzjoni tal-intrapriża tagħhom:

1. **<u>Promozzjoni tal-ispirtu tal-intraprenditorija:</u>** dan jirrikonoxxi inizjattivi fuq livell nazzjonali jew lokali li jippromwovu mentalità intraprenditorjali speċjalment fost iż-żgħażagħ u n-nisa.
   *Eżempji: Avvenimenti u kampanji li jippromwovu l-immaġni tal-intraprenditorija u l-intraprendituri u kultura li tinkoraġġixxi l-kreattività, l-innovazzjoni u l-aċċettazzjoni tar-riskji.*

2. **<u>Investiment fil-ħiliet intraprenditorjali</u>**: dan jirrikonoxxi inizjattivi fuq livell nazzjonali jew lokali sabiex jitjiebu l-ħiliet intraprenditorjali u maniġerjali.
   *Eżempji: Promozzjoni ta' ħiliet speċifiċi bħall-ħiliet tekniċi meħtieġa fis-settur tas-snajja', kapaċitajiet lingwistiċi, litteriżmu diġitali, skemi ta' mobbiltà u gwida għall-intraprendituri, edukazzjoni dwar l-intraprenditorija fl-iskejjel u l-universitajiet.*

3. **<u>Titjib tal-ambjent kummerċjali</u>**: dan jirrikonoxxi politiki innovattivi fuq livell nazzjonali jew lokali li jippromwovu l-ftuħ u t-tkabbir ta' intrapriża, li jissimplifikaw proċeduri leġiżlattivi u amministrattivi għan-negozji kif ukoll li

jimplimentaw il-prinċipju ta' 'Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir' (*Think Small First*) favur l-intrapriżi ta' daqs żgħir jew medju.
*Eżempji: Miżuri li jiffaċilitaw l-aċċess għas-swieq tal-akkwisti pubbliċi għall-SMEs, li jnaqqsu l-burokrazija żejda, li jgħinu lil negozji żgħar fil-bidu tagħhom, li jgħinu fil-promozzjoni tal-potenzjal tal-innovazzjoni fit-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) u l-e-business.*

4. **Appoġġ għall-internazzjonalizazzjoni tan-negozju**: jirrikonoxxi politiki u inizjattivi fil-livell nazzjonali jew lokali li jinkoraġġixxu intrapriżi u b'mod partikolari dawk ta' daqs żgħir u medju sabiex jibbenefikaw aktar mill-opportunitajiet offruti mis-swieq kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni Ewropea.
*Eżempji: Proġetti li jibnu, imantnu u jappoġġjaw kooperazzjoni kummerċjali internazzjonali, informazzjoni jew għodod ta' tlaqqigħ, servizzi jew skemi ta' appoġġ li jgħinu lil SMEs joħorġu barra mill-pajjiż.*

5. **Appoġġ tal-Iżvilupp tas-Swieq Ħodor u Effiċjenza tar-Riżorsi**
(Dan jirrikonoxxi għarfien ta' politiki u inizjattivi fil-livell nazzjonali jew lokali li jappoġġjaw aċċess ta' SME għal swieq ħodor u jgħinu fit-titjib tal-effiċjenza fir-riżorsi, permezz, per eżempju, ta' żvilupp ta' ħiliet ħodor u tlaqqigħ kif ukoll finanzjament. *Is-swieq ħodor huma dawk li jtejbu l-ħajja tal-bniedem u l-ekwita soċjali, filwaqt li b'mod sinifikanti jnaqqsu ir-riskju ambjentali u skarsezzi ekoloġiċi*).

6. **Intraprenditorija responsabbli u inklussiva**: dan jirrikonoxxi inizjattivi nazzjonali u lokali minn awtoritajiet jew sħubiji pubbliċi-privati li jippromwovu r-responsabbiltà soċjali fost intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Din il-kategorija ser tirrikonoxxi wkoll sforzi għall-promozzjoni ta' intraprenditorija fost gruppi żvantaġġati bħal persuni qiegħda (speċjalment dawk li ilhom ħafna bla xogħol), immigranti legali, persuni b'diżabbiltà jew persuni minn minoranzi etniċi.
*Eżempji: Intrapriżi soċjali jew volontarji li jservu l-ħtiġijiet tas-soċjetà permezz tal-intraprenditorija.*

Il-Kumitat ta' Selezzjoni jista' jiddeċiedi li jqiegħed applikazzjoni f'kategorija differenti minn dik li oriġinarjament saret l-applikazzjoni għaliha.

### 1.2.3. Il-kriterji tal-għoti tal-premju

Hekk kif l-applikazzjoni titqies bħala eliġibbli biex tipparteċipa, tkun evalwata dwar il-merti intraprenditorjali tagħha skont il-kriterji li ġejjin.

| Kriterji | Marki massimi |
|---|---|
| Oriġinalità u fattibbiltà<br>• L-inizjattiva kienet oriġinali u innovattiva?<br>• Għaliex qiegħda titqies ta' suċċess? | 20 punt |
| L-impatt fuq l-ekonomija lokali:<br>• X'kien l-impatt tal-inizjattiva fuq l-ekonomija lokali?<br>• Ħolqot impjiegi?<br>• L-inizjattiva hija sostenibbli fil-futur?<br>• X'inhu l-effett pożittiv fit-tul tagħha? | 30 punt |
| Titjib fir-relazzjonijiet bejn il-partijiet interessati lokali:<br>• Il-popolazzjoni lokali kienet involuta fl-inizjattiva?<br>• Il-komunitajiet żvantaġġati gawdew minnha?<br>• Kienu rrispettati l-karatteristiċi lokali, kulturali, ambjentali u soċjali? | 25 punt |
| Trasferibbiltà:<br>• Din l-istrateġija tista' tiġi rripetuta f'postijiet oħra f'Malta?<br>• Din l-istrateġija tista' tiġi rripetuta x'imkien ieħor fl-Ewropa?<br>• L-inizjattiva toffri ispirazzjoni għal ħaddieħor?<br>• Hemm xi relazzjonijiet/sħubiji li qed ikunu żviluppati sabiex jinqasmu t-tagħlimiet miksuba? | 25 punt |

### 1.2.4. Data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet (għat-tliet sezzjonijiet) iridu jaslu għand id-Dipartiment tal-Kummerċ sa mhux aktar tard **mill-Ġimgħa 27 ta' April 2018** ***(sa nofsinhar)***, indirizzati lil:

**Kumitat ta' Selezzjoni** ***(Attn: Noel Bartolo)***
Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2018
Dipartiment tal-Kummerċ
Lascaris Bastions, Daħlet Ġnien is-Sultan
Valletta VLT 1933
Malta
*jew*
Imejl – nesa.commerce@gov.mt

## 1.3. L-INIZJATTIVA SEKONDARJA PPJANATA LI TKUN LESTA SAL-AĦĦAR TAL-2018 JEW B'PARTI SOSTANZJALI MINNHA DIĠÀ IMPLIMENTATA SAL-AĦĦAR TAL-2018

Bħala parti mill-applikazzjoni, il-kunsilli lokali (Sezzjoni A), il-ministeri, id-dipartimenti, l-awtoritajiet u l-entitajiet pubbliċi u s-sħubiji pubbliċi-privati (Sezzjoni B) u l-għaqdiet mhux governattivi, trejd unjins, assoċjazzjonijiet professjonali, skejjel pubbliċi u tal-knisja, istituzzjonijiet edukattivi pubbliċi, l-Università ta' Malta u organizzazzjonijiet tan-negozju (Sezzjoni Ċ) iridu jinkludu informazzjoni fuq l-Inizjattiva Sekondarja li qed tiġi ippjanata li titlesta sal-aħħar tal-2018 jew li jkollha parti sostanzjali minnha implimentata sal-aħħar tal-2018. L-inizjattiva trid tkun torbot ma' xi waħda jew aktar mit-temi imsemmija hawn isfel:

- *turi rikonoxximent tal-eċċellenza fl-intraprenditorija*
- *tkun ta' sapport lill-intraprenditorija*
- *tkun mezz ta' ispirazzjoni għal oħrajn*
- *turi sehem l-intraprenditur fis-soċjetà*
- *tkun sors ta' ispirazzjoni għall-intraprendituri ġodda*

L-inizjattiva tista' torbot ukoll ma' temi oħra speċifiċi bħall-intraprenditorija ma' u fl-iskejjel, l-involviment tal-komunita' kollha, in-nisa u l-intraprenditorija, l-intraprenditorija u l-ambjent jew it-turiżmu, l-intraprenditorija soċjali ma' gruppi ta' nies soċjalment esklużi kif ukoll inizjattivi li għandhom l-għan li jippromwovu skemi tal-Gvern favur l-intraprenditorija.

L-inizjattiva jista' jkollha x'taqsam mal-inizjattiva imsemmija fl-ewwel parti tal-applikazzjoni jiġifieri dik l-Inizjattiva Prinċipali li tista' tkun innominata għall-Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża 2018 jew inkella tista' tkun inizjattiva kompletament differenti.

Kif indikat f'sezzjoni 1.1.4, fil-każ taż-żewġ rebbieħa magħżula mit-tliet sezzjonijiet biex jirrappreżentaw lil Malta fil-kompetizzjoni Ewropea, it-tieni parti tal-premju (€4,000) ikun marbut ukoll mal-impenn li bħala nominati minn Malta, ir-rebbieħa jaqblu u jaċċettaw li jipparteċipaw fiċ-ċerimonja tal-premjazzjoni għall-Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża 2018 li ser issir fi Graz l-Awstrija fl-20 ta' Novembru 2018.

L-inizjattiva ser tkun evalwata fuq il-kriterji tal-għoti tal-premjijiet imsemmija f'sezzjoni 1.2.3.

# 2. Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża 2018

## 2.1. Nominazzjonijiet għall-Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża 2018

L-applikazzjonijiet kollha (Inizjattivi Prinċipali) li jiġu sottomessi fit-tliet sezzjonijiet tal-kompetizzjoni nazzjonali ser ikunu eliġibbli għal nominazzjoni biex jikkompetu fil-Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża 2018. Dawk li finalment jiġu nnominati (massimu ta' żewġ nominazzjonijiet li jaqgħu taħt żewġ kategoriji differenti) ikunu qed jaqblu u jaċċettaw li jirrappreżentaw lil Malta f'dan il-premju prestiġġjuż fuq livell Ewropew.

Il-parteċipanti kollha li jkunu nnominati mill-pajjiżi rispettivi tagħhom għall-Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża 2018 jkunu mistiedna biex jipparteċipaw fiċ-ċerimonja tal-premjazzjoni li ser tinżamm fi Graz, l-Awstrija fl-20 ta' Novembru 2018.

Kampanja fuq il-midja Ewropea se tippubbliċizza n-nominati biex b'hekk jingħataw prominenza.

Ikun hemm żewġ tipi ta' rebbieħa tal-premjijiet: ir-rebbieħa tal-premju fil-kategoriji għall-implimentazzjoni kreattiva ta' prattiċi ta' intraprenditorija u rebbieħ ieħor ġenerali għall-Premju l-Kbir tal-Ġurija. Barra li jirċievu l-premju innifsu, ir-rebbieħa jkunu rikonoxxuti għall-kreattività tagħhom u l-implimentazzjoni ta' suċċess. Għalhekk iservu wkoll ta' ispirazzjoni għal oħrajn billi jaġixxu bħala mudelli ta' eżempju fl-Unjoni Ewropea kollha.

Isiru attivitajiet fuq il-midja biex ikun żgurat li r-rebbieħa jirċievu r-rikonoxximent li jixirqilhom fil-kostitwenzi tagħhom kif ukoll fuq il-midja ewlenija fl-Ewropa.

## 2.2. In-Nominati ta' kull pajjiż

Massimu ta' żewġ inizjattivi (Prinċipali) li jikkompetu għall-Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2018 jistgħu jiġu sottomessi bħala rappreżentanti minn Malta għall-Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża 2018 billi jintbagħtu l-formoli ta' parteċipazzjoni (mill-Kumitat ta' Selezzjoni) lill-Kummissjoni Ewropea sat-Tlieta 3 tal-Lulju 2018.